MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 75/2003

**Borg Aquilina Limited.**

**vs.**

**Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u *Chairman* ta' l-Awtorita` dwar l-i*Standards*.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Jannar 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-kumpanija attrici mpurtat Malta l-Prodott li jgib l-isem ta' *"Fruto Instant Drink"* (ara kopja ta' *'brochure'* ta' l-imsemmi prodott annessa bhala Dok. "A");

Illi d-Dipartiment tas-Sahha Pubblika gie nfurmat mill-*Malta Standards Authority* li dan l-imsemmi prodott ma setax jinbiegh fis-suq *stante* li l-*labelling* fuq il-prodott ma kienx konformi mal-ligi;

Illi d-Dipartiment tas-Sahha Pubblika min-naha tieghu nforma lill-kumpanija attrici li ma kienx sejjer ihalli l-prodott *"Fruto Instant Drink"* johrog fis-suq sakemm il-*Malta Standards Authority* ma tkunx sodisfatta li l-*labelling* fuq il-prodott jissodisfa r-rekwiziti tal-ligi;

Illi *in vista* ta' dan, parti sostanzjali tal-merkanzija tal-*'Fruto Instant Drink'* importata mill-Kumpanija attrici (ara kopja ta' l-*Invoice* Numru PI/E/2000-2001/005, datat 20 ta' April 2000, annessa bhala Dok, "B") giet sekwestrata *ossia impounded* mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, kif jidher mill-ircevuta datata 18 ta' Lulju 2001, u hawn annessa bhala Dok."C".

Illi l-valur kumplessiv tal-merkanzija kollha sekwestrata mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika nkluz l-ispejjes ta' magazzinagg, trasport, *labour* u telf ta' profitti fuq il-bejgh tal-prodott jammonta ghal hamest elef, disa' mija u hdax-il lira Maltija, u tnejn u tmenin centezmu (LM5,911.82) (ara prospett li juri l-kalkolu li jwassal ghal din il-figura, annessa bhala Dok. "D");

Illi l-kumpanija attrici offriet li twahhal *labels* godda fuq il-prodott, b'tali mod li l-*labelling* ikun skond ir-regolamenti, imma d-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ma tahiex il-permess illi taghmel dan, u ghalhekk il-kumpanija attrici ma setghetx tbiegh il-prodott *"Fruto Instant Drink'* li hija kienet impurtat;

Illi l-kumpanija attrici saret taf li minn dakinhar 'il hawn, terzi persuni thallew jimportaw u jispaccaw f' Malta l-prodott *"Fruto Instant Drink"* u dan il-prodott, li l-kumpanija attrici mhux qed tithalla tbiegh, huwa issa apertament distribwit f'Malta minn haddiehor;

Illi l-kumpanija attrici ghamlet diversi rapporti dwar dan lid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, kemm permezz ta' ittra u kemm permezz ta' *e-mails*, u nhar is-16 ta' Settembru 2002, sabiex tissostanza r-rapport taghha, sahansitra baghtet prodott *"Fruto Instant Drink",* flimkien ma rcivuta fiskali, li nxtara minghand *Carters Supermarket* ta' Luqa Road, Paola (kopja ta' l-ittra tinsab annessa, bhala Dok."E");

Illi l-kumpanija attrici, permezz ta' protest gudizzjarju datat 12 ta' Novembru 2002 kontra d-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u c-*Chairman* ta' l-Awtorita` Maltija dwar l-i*Standards* gabet is-suespost ghal formali konjizzjoni ta' l-imsemmija Dipartiment u Awtorita` u nterpellathom sabiex jiddezistu minn dan l-agir diskriminatorju taghhom u sabiex jaddivjenu ghall-hlas ta' danni sofferti u zammithom responsabbli ghad-danni kollha li qed issofri, liema talbiet gew michuda mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika permezz ta' kontro-protest gudizzjarju datat 26 ta' Novembru 2002 (kopja legali tal-protest gudizzjarju u tal-kontro-protest gudizzjarju annessi bhala Dok "F");

Illi minkejja dawn l-imsemmija rapporti u protest gudizzjarju, id-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ma hallsux lill-kumpanija attrici d-danni sofferti minnha u ma hadu l-ebda passi fil-konfront tal-bejgh tal-prodott *'Fruto Instant Drink'* u li ghaldaqstant dan il-prodott importat u distribwit f'Malta minn terzi persuni ma giex irtirat mis-suq Malti;

Illi dan l-agir tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika huwa *prima facie* diskriminatorju kontra l-kumpanija attrici *stante* li waqt li terzi persuni qed jithallew jimpurtaw u jbieghu il-prodott *'Fruto Instant Drink'*, il-kumpanija attrici ma thallietx taghmel *relabelling* tal-prodott biex tkun tista' tbieghu fis-suq Malti u dan wassal biex il-kumpanija attrici sofriet u ghadha ssofri telf ta' bejgh u profitti u dan jista' jigi kkonstatat mill-fatti illi l-prodott *'Fruto Instant Drink'* ghadu qed jigi mibjugh fis-suq Malti kif jista' jigi rilevat mill-ircevuta fiskali datata 7 ta' Jannar 2003 u mahruga mill-istabbiliment li jgib l-isem ta' *Smart Supermarket* ta'

Naxxar Road, Birkirkara (kopja ta' l-ircevuta fiskali annessa bhala Dok. "G");

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikajra illi l-agir tal-konvenuti, jew min minnhom, huwa diskriminatorju kontra l-kumpanija attrici *stante* li waqt li terzi persuni qed jithallew jimportaw f'Malta u jbieghu l-prodott *'Fruto Instant Drink'* kif *relabeled*, il-kumpanija attrici ma thallietx taghmel *relabelling* tal-prodott biex tkun tista' tbieghu fis-suq Malti;

2. Tiddikjara, konsegwentement, a bazi ta' l-ewwel talba, lill-konvenuti, jew min minnhom bhala responsabbli ghad-danni sofferti mill-kumpanija attrici b'rizultat ta' dan l-agir tal-konvenuti, jew min minnhom;

3. Tordna l-likwidazzjoni ta' l-istess danni sofferti mill-kumpanija attrici, u jekk ikun il-kaz bl-intervent ta' periti nominandi ghal dan il-ghan;

4. Tordna lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Settembru 2002, tal-protest gudizzjarju datat 12 ta' Novembru 2002, kontra l-konvenuti jew min minnhom, li minn issa qeghdin jigu ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Borg & Aquilina Limited a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 6 u 7 tal-process li huma mmarkati minn Dok "A" sa Dok. "G";

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta' Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tas-Sahha Pubblika datata 30 ta’ Settembu 2003 a fol. 24 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, preliminarjament ir-rapprezentanza guridika tad-Dipartiment tas-Sahha hija fdata f’idejn it-Tabib Principali tal-Gvern *ai termini* ta’ l-**artikolu 181 B** tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili, u ghalhekk id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ma ghandu ebda *‘locus standi’*.

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-azzjoni ntavolata mill-atturi hija preskritta *ai termini* ta’ l-**artikolu 469 A (3)** tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Proceduri Civili *stante* t-trapass ta’ sitt xhur mid-data tad-decizjoni amministrattiva li ghaliha tirreferi s-socjeta` attrici.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghal premess l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni hija bla bazi *stante* li kull fejn instab il-prodott in kwistjoni gie rtirat mill-ispetturi sanitarji.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda tat-tabib principali tal-Gvern a fol. 25, 26 u 27 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita` Maltija dwar l-i*Standards* datata l-1 ta’ Ottubru 2003 a fol. 29 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, *in linea* preliminari, l-Awtorita` konvenuta mhijiex il-legittima kontradittrici f’dawn il-proceduri kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u ghaldaqstant ghandha tigi libera mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi, bla hsara ghas-suespost, l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-kumpanija attrici u dan *stante* li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni fl-agir ta’ l-Awtorita` konvenuta fil-konfront tal-kumpanija attrici.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-Awtorita` dwar l-i*Standards* a fol. 30 u 31 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta' Novembru 2003; tat-23 ta' April 2004; tal-1 ta' Gunju 2004 fejn Dr. Joseph Camilleri li pprezenta zewg dokumenti b'nota mmarkati Dok. "BA" u Dok "BA2"; u tas-6 ta' Ottubru 2004 fejn xehed Martin Seychell prodott mis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-5 ta' Novembru 2004 ghall-kontinwazzjoni tal-provi attrici.

Rat in-nota tal-kumpanija attrici datata 5 ta' Frar 2004 (fol. 36) li permezz taghha esebiet l-affidavits ta' Steven Borg immarkat Dok. "SB" u l-affidavit ta' Henry Schembri mmarkat Dok. "HS".

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 6 ta' Ottubru 2004 (fol. 68) li permezz taghha esebiet pakkett ta' *'Fruto Instanat Drink'* u ricevuta relattiva li gew immarkati Dok. "BA1".

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-5 ta' Novembru 2004 fejn xehed Joseph Camilleri prodott mis-socjeta` attrici u pprezenta wkoll dokumenti li gew immarkati Dok "JC1"; tal-14 ta' Jannar 2005; u tal-1 ta' Marzu 2005 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Bridgette Gafa` ghad-direttur konvenut u rapprezentant tieghu u Dr. Franco Vassallo u Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta` attrici. Xehed Martin Seychell prodott mis-socjeta` attrici. Is-socjeta' attrici ddikjarat li salv ghall-kontro-ezami ta' John Attard Kingswell m'ghandhiex provi aktar. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' April 2005 ghall-prezentata ta' l-affidavit tas-socjeta` konvenuta u kontro-ezami ta' John Attard Kingswell.

Rat in-nota tal-konvenut datata 13 ta' April 2005 a fol. 100 tal-process li permezz taghha pprezenta l-affidavit ta'

John Attard Kingswell, liema affidavit huwa mmarkat bhala Dok. “BA1”.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-22 ta’ April 2005 (fol. 102) fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Vassallo ghas-socjeta` attrici u Dr. Brigette Gafa` ghad-Direttur konvenut u Dr. Lorna Mifsud Cachia ghac-*Chairman* konvenut. Dr. Vassallo talab li jigu esebiti dokumenti relattivi ghall-prodott *“Fruto”.* Dr. Gafa` mpenjat ruhha li tesebixxi d-dokumenti. Xehed John Attard Kingswell prodott mis-socjeta` attrici. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Gunju 2005 ghall-kontinwazzjoni; tal-15 ta’ Gunju 2005; u tat-2 ta’ Novembru 2005.

Rat in-nota tat-tabib principali tal-Gvern datata 17 ta’ Mejju 2005 (fol.113) li biha esebixxa dokument rigward il-prodott *“Fruto”* kif intalab fl-ahhar seduta tat-22 ta’ April 2005.

Rat in-nota ta’ Borg & Aquilina Limited datata 7 ta’ Novembru 2005 (fol.120) li permezz taghha nformat il-Qorti li d-dokumenti li l-kontro-parti mpenjat ruhha li tesebixxi gew esebiti b’pagni neqsin *stante* li l-*label* approvata ma gietx esebita *nonostante* li d-dokument jghid *“as per amended label overleaf”*
.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta tal-24 ta’ Jannar 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Franco Vassallo u Dr. Joe Camilleri ghas-socjeta` attrici, Dr. Bridgette Gafa` ghad-Direttur konvenut, u Dr. Lorna Mifsud Cachia ghac-*Chairman* konvenut. Prezenti wkoll John Attard Kingswell ghad-Direttur konvenut. Id-difensuri tal-konvenuti prezenti hadu konjizzjoni tan-nota u tad-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici fis-7 ta’ Novembru 2005. Dr. Gafa` ghad-Direttur konvenut iddikjarat li m’ghandhiex provi izjed u l-istess iddikjarat Dr. Lorna Mifsud Cachia ghac-*Chairman* konvenut. Dr. Franco Vassallo, ghas-socjeta` attrici, talab li jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ disghin (90) gurnata lis-socjeta` attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet

bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom disghin (90) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenuti jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-Qorti ordnat li fin-nuqqas li jigu prezentati n-noti t'osservazzjonijiet fit-terminu ndikat, dawn mhux ha jigu estizi. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta' Ottubru 2006.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attrici Borg & Aquilina Ltd. datata l-10 ta' Marzu 2006 kif tidher a fol. 125 tal-process.

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika et datata fil-11 ta' Mejju 2006 a fol. 134 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuta l-Awtorita` Maltija dwar l-i*Standards* datata l-15 ta' Gunju 2006 a fol. 139 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Joseph Camilleri ghas-socjeta` attrici u Dr. Bridgette Gafa` ghad-Direttur tas-Sahha u Dr. Lorna Mifsud Cachia ghac-*Chairman* konvenut. Id-difensuri trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-fatti li taw lok ghall-vertenza odjerna huma s-segwenti:-

Illi l-kumpanija attrici mpurtat 728 kaxxa ta' *Fruto Powdered Drink* kif jirrizulta mill-*Invoice* datat 20 ta' April 2000 (Dok B a fol.9 tal-process).

Illi parti sostanzjali minn din il-merkanzija giet *impounded* mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika fit-18 ta' Lulju 2001 (Dok. "C" a fol.10 tal-process) u dan minhabba li kif jirrizulta mill-istess Dok. "C" din il-merkanzija giet sekwestrata minhabba problema ta' *labelling*. Infatti hemm imnizzel in iskritt fuq l-istess skrittura l-kliema *"to apply for additional labelling".*

Illi fil-fatt jdher li din l-azzjoni *da parte* ta' l-istess Dipartiment tas-Sahha Pubblika saret peress li l-*labelling* tal-prodott ma kienx konformi man-*Nutrition Labelling Regulations* u dan ghaliex l-lista li kienet tindika l-ingredjenti ta' l-istess prodott minkejja li kienet issemmi "*sweetener*" ma kinetx tispecifika l-isem tekniku ta' l-istess u ma kellhomx l-*e-numbers*; minbarra dan jidher li l-istess lista ta' ingredjenti tal-prodott ma kenitx tinkludi l-indirizz shih tal-manifattur, imma biss l-indirizz fil-qosor u fl-ahhar nett li l-lista attwali kienet tindika li l-prodott kien fih xi vitamini meta fil-fatt dan ma kienx il-kaz.

Illi dwar dan giet skambjata korrispondenza bejn is-socjeta' attrici u d-Dipartiment tas-Sahha ndikat u fil-fatt is-socjeta' attrici kitbet lid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika fis-16 ta' Settembru 2002 fejn kienu annettew ma' l-istess ittra prodott 'Fruto Instant Drink' flimkien ma' rcevuta li allegatament inxtara minghand Carters Supermarket, liema prodott skond is-socjeta' ma kienx jissodisfa l-ligi. F'din l-ittra s-socjeta' attrici talbet lid-dipartiment koncernat biex il-prodotti kollha fis-suq jigu rtirati u risposta ta' dan giet indikata mill-istess dipartiment permezz ta' korrispondenza elettronika (Dok. "BA 2" a fol.50).

Illi fit-12 ta' Novembru 2002 is-socjeta' attrici pprezentat protest kontra d-direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika u c-*Chairman* ta' l-Awtorita' Maltija dwar l-i*Standards* fejn interpellathom jiddezistu mill-agir *prima facie* diskriminatorju taghhom u jaddivjenu ghall-hlas ta'

danni sofferti. Fis-26 ta' Novembru 2002 gie pprezentat il-kontro-protest tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika fejn cahdu dak kollu allegat mis-socjeta' attrici senjatament ghaliex l-istess dipartiment allega li s-socjeta' attrici kienet inghatat l-opportunita' li tissana l-posizzjoni taghha permezz ta' *labelling* korrettorju fuq il-prodott izda din l-opportunita' ma ttiehditx.

Illi fl-atti ta' dawn il-proceduri giet ezebita kopja ta' ricevuta fiskali datata 7 ta' Jannar 2003 li turi l-bejgh tal-prodott 'Fruto Instant Drink' minghand Smart Supermarket, u li dwar dan il-prodott xehed Joseph Camileri ghan-nom tas-socjeta' Pemix Limited li sostna li ghalkemm ma kienx cert li l-prodott mill-istess *supermarket* kienx tas-socjeta' tieghu pero' qal importa prodotti bhalu li gew rilaxxati fit-22 ta' Gunju 2001 u dan meta sar *relabelling* ta' l-istess prodott *in vista* ta' dak kontenut fid-dokument rilaxxat mid-Dipartiment tas-Sahha datat 12 ta' Lulju 2001 u li jinsab esebit bhala Dok. "JC 1" a fol. 73 tal-process.

Illi wara dan saret ic-citazzjoni odjerna li giet prezentata fl-24 ta' Jannar 2003 fejn gie allegat li l-konvenuti b'dan l-agir taghhom kienu agixxew b'mod diskriminatorju mas-socjeta' attrici u b'hekk kienu responsabbli ghall-hlas ta' danni sofferti mill-istess.

Illi l-konvenuti odjerni resqu diversi eccezzjonijiet u preliminarjament il-konvenut id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika eccepixxa li r-rappresentanza guridika tad-dipartiment tas-sahha hija fdata f'idejn it-Tabib Principali tal-Gvern *ai termini* ta' l-**Artikolu 181B tal-Kap.12** u b'hekk id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sahha Pubblika ma ghandu ebda *locus standi.*

Illi l-**Artikolu 181B tal-Kap 12** jiddisponi li:

*"(1) Il-Gvern ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni".*

Illi kif qalet tajjeb is-socjeta' attrici f'dan il-kaz id-Dipartiment koncernat huwa d-Dipartiment tas-Sahha

Pubblika u b'hekk din il-Qorti thoss li d-Direttur tad-Dipatiment tas-Sahha gie ndikat korrettament mis-socjeta' attrici u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi fit-tieni eccezzjoni ta' l-istess konvenut Direttur tas-Sahha Pubblika hija fis-sens li l-azzjoni intavolata hija preskritta *ai termini* ta' l-**artikolu 469A (3) tal-Kap.12** *stante* t-trapass ta' sitt xhur mid-data tad-decizjoni amministrattiva li ghaliha tirreferei s-socjeta' attrici. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq dak li jistabbilixxi l-**artikolu 469A (3) tal-Kap.12** li jiddisponi li :-

*"Kawza biex twaqqa' eghmil amministrattiv taht il-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ghandha ssir fi zmien sitt xhur meta min ikollu interess isir jaf jew setgha jsir jaf, skond liema jigi l-ewwel, b'dak l-eghmil amministrattiv*."

Illi s-socjeta' attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha ssottomettiet li l-perjodu ta' sitt xhur m'ghandux japplika f'dan il-kaz minhabba li hija mhux qed tipprocedi biex tannulla jew tistharreg decizjoni amministarttiva a bazi ta' l-**artikolu 469A** imma qed titlob danni wara decizjoni diskriminatorja fil-konfront taghha.

Illi l-**artikolu 469A tal-Kap 12** jiddisponi:-

*"(1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validita' ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:-*

*(a) Meta l-eghmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;*

*(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun ultra vires ghal xi raguni minn dawn li gejjin :*

*(i) meta dak l-eghmil jitwettaq minn awtorita' pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew*

*(ii) meta l-awtorita’ pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil; jew*

*(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorita’ pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;*

*(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.”*

Illi mic-citazzjoni attrici jidher li s-socjeta’ attrici qed titlob li tigi akkordata d-danni allegatament sofferti minnha minhabba l-allegat agir diskriminatorju tal-konvenuti jew min minnhom. Izda din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li dan l-allegat agir diskriminatorju huwa bbazat fuq l-allegazzjoni vantata mis-socjeta’ attrici, li tifforma l-premessi tac-citazzjoni attrici, li l-prodotti mertu tal-kawza odjerna gew sekwestrati wara ordni mahruga mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika fit-18 ta’ Lulju 2001 filwaqt li gie allegat li kumpanija l-ohra, Pemix Ltd, thalliet iddahhal fis-suq Malti l-istess prodott u dan kwazi xahar qabel mis-sekwestru.

Illi minn dan jirrizulta li fil-fatt is-socjeta’ attrici qeghda tattakka dik l-ordni ta’ sekwestru li fil-konfront taghha inharget f’Lulju 2001 u dan minhabba allegata diskriminazzjoni fl-agir ta’ l-istess Dipartiment ghad-dannu taghha meta mqabbel ma kif l-istess Dipartiment allegatament mexa ma’ socjeta’ ohra kwazi fl-istess zmien.

Illi huwa ovvju li mic-citazzjoni attrici li l-konvenuti qed jibbazzaw l-azzjoni taghhom fuq agir diskriminatorju mill-konvenut Dipartiment tas-Sahha u dan jidher li sar anke abbazi ta’ regolamenti li l-istess Dipartiment huwa tenut li josserva, u dan jidher car mill-istess premessi tac-citazzjoni attrici fejn jallegaw l-istess diskriminazzjoni u wkoll ir-riferenza ghad-dokument “C” datat 18 ta’ Lulju 2001 fl-istess citazzjoni attrici; dan apparti l-fatt li ma

hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici hija bbazata fuq l-allegata diskriminazzjoni li timplika li l-istess konvenuti ma osservawx ir-regolamenti *in materia* u ddiskriminaw fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-istess fil-konfront taghhom meta mqabbel ma' dak fil-konfront ta' terzi; f'dan il-kuntest jinghad li saru diversi riferenzi ghal dawn ir-regolamenti fosthom din il-Qorti tirreferi ghad-dokument "SB 2" datat 8 ta' Awissu 2001 (fol.41) fejn saret riferenza ghall-*Labelling and Presentation of Foodstuffs Regulations,* u ghad-dokument "SB3" datat 5 ta' Settembru 2001 li jaghmel riferenza ghal *Nutrition Labelling Regulations* (L.N. 247 of 1998) fejn il-*Malta Standards Authority* indikat kif il-prodott in kwistjoni kien jikser l-istess regolamenti.

Illi din il-Qorti thoss li jirrizulta li l-ordni moghtija fil-konfront tas-socjeta' attrici mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika jikkostitwixxi *eghmil amministrattiv* u dan anke abbazi ta' dak indikat fl-**artikolu 469 A (2)** fejn jindika li:-

"*"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta' kull ordni, licenz*a, *permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorita' pubblika……".*

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li abbazi ta' dak hawn premess u fuq l-insenjament fid-decizjoni gja citata **"Roberto Zamboni noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti et",** dan huwa kaz fejn qed jigi attakat eghmil amministrattiv u l-fatt li fl-azzjoni attrici qed tintalab dikjarazzjoni u hlas ta' danni ma jbiddel xejn min-natura ta' l-azzjoni attrici u dan peress li f'azzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' l-istess artikolu tista' ssir talba ghal danni kif indikat fis-subincis (5) ta' l-istess **artikolu 469 (3) tal-Kap 12**.

Illi allura din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz japplika kif inghad l-**artikolu 469 (3) tal-Kap 12,** u peress li l-ordni li kienet taffetwa lis-socjeta' attrici moghtija mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika kienet datata 18 ta' Lulju 2001, u ladarba l-kawza odjerna giet prezentata biss fl-24 ta' Jannar 2003 jirrizulta ghalhekk li t-terminu ta' sitt xhur skada u la darba dan huwa terminu ta' dekadenza u mhux wiehed ta' semplici preskrizzjoni (vide **"Roberto Zamboni noe vs Id-Direttur tal-Kuntratti et** – App. Civ. 928/96 –

31 ta’ Mejju 2002) b’hekk l-azzjoni attrici jirrizulta li ma hijiex proponibbli peress li ma saritx fit-terminu ndikat fl-**artikolu 469A (3) tal-Kap.12**. (*vide* **“Paolo Bonnici Limited vs Kontrollur tad-Dwana”** – (P.A. (RCP) – 2 ta’ Ottubru 2001); **“Dentist Gerald Zammit vs Awtorita’ tal-Ippjanar”** (P. A. (RCP) 2 ta’ Frar 2000)).

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita’ Maltija dwar l-i*Standards* fejn eccepiet li hija ma hijiex il-legittima kontradittrici jirrizulta car mill-atti tac-citazzjoni attrici li l-ordni li giet attakkata f’din il-kawza u l-agir diskriminatorju allegat kien dejjem fil-konfront tad-Dipartiment il-konvenut l-iehor u fil-fatt kienet dik l-ordni tat-18 ta’ Lulju 2001 li effetwat lis-socjeta’ attrici u din l-ordni saret mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, kif l-istess socjeta’ attrici indikat permezz tad-Dok. “C” anness mac-citazzjoni attrici. L-istess jista’ jinghad jekk issir riferenza ghad-Dokument “JC 1” li hareg fil-konfront tas-socjeta’ Pemix Limited, dokument li huwa datat 12 ta’ Lulju 2001 u li hareg mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika.

Illi mhux hekk biss izda jidher li ghal dak li jirrigwarda materja ta’ tikketjar jew *labelling* skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali 62 tal-1992 din taqa’ taht ir-responsabbilta’ tad-Dipartiment tas-Sahha u mhux tal-*Malta Standards Authority*. Fil-fatt huwa wkoll id-Dipartiment tas-Sahha li taht l-Att dwar is-Sigurta’ ta’ l-Ikel (Kap 449 tal-Ligijiet ta’ Malta) li ghandu l-kompetenza illi jwaqqaf prodott milli jinbiegh, liema mizura tittiehed skond id-disposizzjonijiet ta’ l-istess Att u r-regolamenti li saru tahtu. B’hekk din il-Qorti thoss li ghal dawn ir-ragunijiet u dawk indikati fin-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ l-istess Awtorita’ fuq dan il-punt, l-ewwel eccezzjoni tac-*Chairman* ta’ l-Awtorita’ Maltija dwar l-i*Standards* ghandha u qed tigi milqugha, b’dan li l-istess *Chairman* ta’ l-Awtorita’ Maltija dwar l-i*Standards* qed tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi bla pregudizzju ghall-premess din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-azzjoni attrici lanqas fil-mertu ma setghet tintlaqa’. Hawnhekk issir referenza ghall-**“Francis Paris**

**et vs Maltacom plc”** (P.A. (TM) Cit. Nru: 480/02/TM – 7 ta’ Ottubru 2004) fejn intqal :-

*“Tajjeb li jinghad, fl-ewwel lok, li fil-fehma tal-Qorti, materja ta’ diskriminazzjoni ma hijiex rizervata biss ghall-investigazzjoni u rettifika mill-organi gudizzjarji kostituzzjonali. Jekk l-organi l-ohra, proprju bhal ma hi din il-Qorti, jistghu jipprovdu skond il-ligi ordinarja rimedju xieraq u adegwat ghal lezjoni, attwali jew mhedda, ta’ jedd fundamentali, kien dan l-istess rimedju li kellu, u ghandu, fl-ewwel lok jigi mfittex. Ara a propozitu decizjoni ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet <u>“Agius vs Galea Debono nomine”,</u> moghtija fil-21 ta’ Ottubru,2002. Fl-istess sens huma d-decizjonijiet ta’ din il-Qorti fil-kawza <u>“Mifsud Bonnici et vs Tabone noe”,</u> moghtija fl-24 ta’ Settembru, 2002, u fil-kawza <u>“Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd”,</u> moghtija fit-3 ta’ Ottubru, 2003.”*

Illi l-istess Onorabbli Qorti kompliet :-

*“Fil-kuntest ta’ diskriminazzjoni hu risaput illi dak li jrid jigi ppruvat huwa illi l-allegat trattament kien differenti minn dak li nghata lil persuni ohra li kienu ta’ l-istess deskrizzjoni taghhom. Il-paragun li minnu jehtieg li tohrog id-distinzjoni li hi l-bazi tar-reklam ta’ diskriminazzjoni ‘timporta zewg elementi, u cioe’, li l-lanjant ma giex ittrattat b’certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi (in pari conditione) gie jew kien gie ttrattat b’certu mod waqt li haddiehor fl-istess cirkostanzi ma giex. Fi kliem iehor irid isir paragun bejn l-izvantaggjat u l-ivvantaggjat fuq terren ta’ cirkostanzi pari” – <u>“Galea noe vs Kummissarju tal-Pulizija”,</u> deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta’ Jannar, 1990”.*

*Il-kriterji biex tirnexxi azzjoni bazata fuq deskriminazzjoni kienu gew ampjament diskussi mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza <u>“Vassallo et vs Kummissarju tal-Pulizija”,</u> deciza fis-16 ta’ Awissu, 1976,…..”*

*……..omissis………..*

*"Dan hu konformi ma' l-interpretazzjoni ta' diskriminazzjoni moghtija anke minn diversi tribunali nazzjonali li cioe' l-kuncett ta' ugwaljanza ta' trattament ma jistax jigi intiz fis-sens assolut jew aritmetiku ddivorzjat mic-cirkostanzi u kondizzjonijiet inerenti fis-sitwazzjoni li tkun qieghda tigi ezaminata…Differenzjazzjoni pero' biex tkun legittima trid tirpoza fuq bazi objettiva u ragonevoli, tenut kont ta' l-ghan u l-effetti tal-mizuri in ezami, u jrid ikun hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita' bejn il-mezzi mpjegati u l-iskop vizwalizzat."*

Illi dan l-insenjament jidher li gie segwit – b'varjazzjonijiet zghar li jirriflettu l-*fatti pecie* tal-kaz li jkun milli xi spostament ta' principju – f'diversi kawzi fosthom **"Il-Pulizija vs Muscat",** deciza minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-28 ta' Lulju, 1989, **"Borg noe vs Ministru ta' l-Affarijiet Barranin u Kultura et",** deciza wkoll minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Mejju, 1984, **"Cacopardo vs Ministru tax-Xoghlijiet et",** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Frar, 1987, **"Debono Grech vs Mizzi et noe",** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-3 ta' Frar, 1999, u **"Agrimalt Ltd vs Awtorita' tal-Ippjanar",** deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Jannar, 2004.

Illi ghalhekk, ikun hemm diskriminazzjoni biss meta l-kazijiet ugwali jew persuni f'sitwazzjoni ugwali jigu trattati b'mod differenti u ma jkunx hemm bazi oggettiva u ragonevoli ghal tali trattament differenti.

Illi fil-kaz odjern ma jirrizultax li kien hemm persuni f'sitwazzjonijiet ugwali li gew trattati b'mod differenti. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm jirrizulta mill-provi prodotti li ghalkemm din il-kawza titratta dwar l-istess prodott u cioe' il-*'Fruto Instant Drink'* u fil-waqt li jirrizulta wkoll li mentri s-socjeta' Pemix Ltd thalliet iddahhal il-prodott f'Malta f'Gunju 2001, is-socjeta' attrici ma thallietx tkompli tbiegh il-prodott taghha b'decizjoni moghtija fl-20 ta' Lulju 2001 fejn parti sostanzjali mill-merkanzija giet sekwestrata mid-Dipartiment tas-Sahha, pero' hemm diversi differenzi bejn iz-zewg kazi u jista' jinghad fil-fatt li b'konsegwenza ta' dan s-similaritajiet fuq iz-zewg kazi jieqfu hawn.

Illi dan qed jinghad peress li din il-Qorti thoss li wara li ezaminat il-provi kollha prodotti jirrizulta li fil-kaz tal-kumpanija Pemix Limited t-talba sabiex jigi ezaminat il-prodott saret qabel ma l-istess prodott tpogga ghal bejgh fuq l-ixkafef tal-hwienet Malti, fil-waqt li s-socjeta' attrici ghamlet tali talba biss wara li l-istess prodott kien gja espost ghas-suq Malti.

Illi mhux hekk biss izda jirrizulta li s-socjeta' attrici nghatat l-opportunita' li taghmel *re-labelling* jekk dan isir mill-manifattur, u dan ghaliex il-prodott taghha kien gja jinsab hawn Malta; is-socjeta' l-ohra msemmija, peress li kienet ghamlet it-talba taghha qabel ma l-istess prodott gie fis-suq Malti, inghatat l-opportunita' li taffetwa xi zidiet u taghmel *re-labelling* – li fil-fatt dan sehh, izda xorta wahda dik il-parti tal-prodott li baqghet mhux konformi mar-regolamenti giet fil-fatt sekwestrata proprju ghaliex instab li kienet fis-suq kontra l-ligi u hawn ma inghatat l-ebda opportunita' li jsir *re-labelling* – dan peress li meta jigi spaccat prodott b'tikketta mhux konformi mar-rekwiziti legali jkun qed jikkommetti reat abbazi ta' l-**Avviz Legali 62 tan-1962** u b'hekk f'dan il-kaz, li huwa l-kaz tas-socjeta' attrici, l-istess konvenut mid-Dipartiment tas-Sahha ma setghax jawtorizza lis-socjeta' attrici bhala mportatrici sabiex taghmel dan it-tibdil fit-tikketta, proprju ghaliex ir-reat ikun gja sehh u dan kollox kif dettaljatament spjegat ukoll fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti. Fil-fatt tali differenza meta saret it-talba u allura d-differenza fit-trattament taz-zewg kazi tirrizulta kemm mix-xhieda ta' Joseph Camilleri (5 ta' Novembru 2004) li kkonferma li l-prodott tas-socjeta' Pemix Limited gew mpoggija fis-suq Malti biss wara li sar *re-labelling* taghhom (*"marru on the shelves wara li ghamilnielhom l-isticker"* – mentri Stephen Borg, direttur tas-socjeta' attrici fl-affidavit tieghu datat 5 ta' Frar 2004, ikkonferma li l-prodott mertu tal-kawza odjerna kien fil-fatt gja fis-suq tant li sostna li *"minn dan il-prodott kienu tlahhqu tqassmu tlett mija u disgha u erbghin kaxxa".* Dan jikkonferma b'mod mill-iktar car li fil-kaz tas-socjeta' attrici il-prodott mhux skond ir-regolamenti tal-*labelling* kien gia rilaxxat fis-suq Malti anke meta s-socjeta' attrici ppretendiet li jsir *re-*

*labelling* minnha bhala mportatrici ta’ l-istess prodott, mentri fil-kaz tas-socjeta’ Pimex Limited l-istess prodott ma kienx ghadu rilaxxat fis-suq Malti. Din hija differenza fondamentali ghaliex certament li b’hekk jirrizulta li d-decizjoni li ha d-Dipartiment tas-Sahha Pubblika fiz-zewg kazi ma kienx jimporta l-istess cirkostanzi u ghalhekk ma huwiex qed jigi trattat kaz ta’ *“like with like”.*

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda wkoll ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut id-Direttur tas-Sahha Pubblika izda tilqa’ t-tieni eccezzjoni ta’ l-istess konvenut d-Direttur tas-Sahha Pubblika fis-sens li l-azzjoni attrici fil-konfront ta’ l-istess hija perenta abbazi ta’ l-**artikolu 469A tal-Kap 12**, u fil-waqt li tilqa’ l-ewwel eccezzjoni ta’ l-Awtorita’ Maltija dwar l-i*Standards* peress li l-istess Awtorita’ kif citata ma hijiex il-legittima kontradittrici f’dawn il-proceduri, u b’hekk tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti nkwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad ghalhekk it-talbiet attrici** ghaliex kif hawn deciz huma nsostenibbli legalment u nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------